EUCPN
EUROPEAN CRIME PREVENTION NETWORK

# X'INHU EFFETTIV BIEX NEVITAW IS-SERQ DOMESTIKU?





# It is wise to spend public money on what works

**#StopDomesticBurglaries**

# 01 INTRODUZZJONI

Mill-2019, In-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u bosta pajjiżi Ewropej organizzaw Ġurnata Speċjali tal-Iffukar madwar l-UE kollha fuq is-serq domestiku. L-għan ta' din l-inizjattiva hu li tissaħħaħ il-ġlieda kontra din il-klassi ta' kriminalità billi tinforma liċ-ċittadini dwar kif jistgħu jipproteġu d-djar tagħhom. Din il-klassi ta' kriminalità ilha tonqos f'bosta pajjiżi Ewropej għal ħafna snin imma għadha tirrappreżenta l-maġġoranza ta' reati ta' Kriminalità Organizzata kontra l-Propjetà. Barra minn hekk, mhux biss tkun qed tisraq lin-nies mill-affarijiet personali tagħhom imma tnaqqsilhom ukoll mis-sens ta' sigurtà tagħhom fid-dar u għandha impatt finanzjarju sinifikanti fuq is-soċjetà.

Madankollu, mhux kollox jmur kif mistenni. Peress li waħda mill-funzjonijiet ewlenin tan-Network hi li tkun katalist għall-iffaċilitar ta' politiki u inizjattivi iktar effiċjenti, din il-karta għandha l-għan li tappoġġja l-partijiet ikkonċernati Ewropej nazzjonali u lokali billi tipprovdi ħarsa ġenerali tal-inizjattivi li forsi, imma mhux bilfors, ikollhom suċċess fil-prevenzjoni tas-serq domestiku. L-inizjattivi kollha ġew miġbura fi tliet kategoriji: jiġifieri dawk li għalihom hemm disponibbli evidenza qawwija, evidenza moderata jew evidenza limitata. Meta ngħidu li hemm 'evidenza qawwija', dan jiġifieri li bosta studji wrew b'mod konsistenti li kien hemm tnaqqis fl-ammont ta' serq domestiku bħal kif jiġri meta nwebbsu l-miri billi nużaw taħlita ta' serraturi fit-twieqi, dwal interni, serraturi mal-bibien u dwal esterni. Inizjattivi bit-tikketta 'evidenza moderata' huma dawk li kellhom numru limitat ta' studji li wrew impatt promettenti f'termini ta' tnaqqis ta' kriminalità bħal immarkar ta' propjetà. Madankollu, hemm bżonn iktar riċerka biex dan ikollu t-tikketta ta' 'evidenza qawwija'. Oħrajn, bħal sistemi ta' twissija kontra dħul mhux awtorizzat, urew riżultati kontradittorji jew għad ma kinux evalwati sew imma għandhom xi karatteristiċi li jidhru promettenti u jistħoqqilhom iktar attenzjoni. Fl-aħħarnett, nixtiequ nsostnu li l-lezzjonijiet li tgħallimna waqt l-implimentazzjoni u l-kuntest speċifiku dejjem għandhom jiġu kkunsidrati meta dawk li jfasslu l-politika u prattikanti jiżviluppaw l-istrateġiji tal-prevenzjoni tas-serq domestiku tagħhom.

# 02 EVIDENZA QAWWIJA

## 2.1 Twebbis tal-miri

It-twebbis tal-miri ser iżid il-perċezzjoni tal-persuna li twettaq ir-reat dwar l-isforz meħtieġ biex tidħol ġot- tali dar. Peress li iktar sforz ifisser iktar ħin u allura livell iktar għoli ta' riskju, dan għandu effett deterrenti fuq il-ħallelin. [1] Twebbis tal-miri permezz ta' taħlita ta' serraturi tat-twieqi, dwal interni, serraturi tal-bibien u dwal esterni (**WIDE**) hi l-iktar taħlita effettiva biex biha nevitaw is-serq domestiku u tipprovdi wkoll l-aħjar valur għal flus.[2] L-ewwelnett, **dwal interni fuq timer** jagħtu impressjoni li d-dar hi okkupata anki jekk ma jkun hemm ħadd id-dar. [3] Din hi miżura tas-sigurtà importanti għaliex okkupanza hi fattur prinċipali fid-deċiżjoni li timmira propjetà.[4] Iktar minn disa' ħallelin ikkundannati minn kull għaxra rrappurtaw li qatt ma jidħlu apposta ġo propjetà okkupata. Karozza pparkjata ġo driveway jew radju jdoqq waqt li tkun ix-xogħol ukoll jista' jikkontribwixxi għal dan.[5] It-tieni, **dwal esterni fuq timer** jistgħu jnaqqsu s-serq filgħaxija u billejl minħabba iktar riskju ta' detenzjoni, interruzzjoni u deterrenza.[6] It-tielet, serraturi b'saħħithom **tal-bibien u tat-twieqi** huma maħsuba biex jipprevjenu dħul jew biex jagħmlu d-dħul iktar diffiċli,[7] inaqqsu l-aċċessibiltà, konsiderazzjoni sekondarja li ħallelin ta' spiss jagħmlu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni fil-mira tagħhom.[8] Riċerka fuq persuni li jwettqu reati wriet li l-kwalità ta' sigurtà fiżika hi d-determinant primarju fid-deċiżjoni jekk tinsteraqx propjetà.[9] Madankollu, biex tagħlaq bibien u twieqi hemm bżonn attività umana b'kuntrast maż-żewġ miżuri ta' qabel li ladarba stabbiliti, għandhom jiffunzjonaw awtomatikament.[10]

Jekk tiflaħ għal iktar tagħmir, tista' tikseb l-ogħla protezzjoni totali b'CCTV, serraturi tal-bibien u twieqi u ktajjen tas-sigurtà.[11] Minkejja dan, din il-kumbinazzjoni għandha xi limitazzjonijiet. L-ewwelnett, **ktajjen tas-sigurtà** huma ddissinjati biex jillimitaw aċċess lil propjetà imma s-soltu ma jistgħux jarawhom minn barra u allura ma jistgħux jiskoraġġixxu lil ħallelin. Barra minn hekk, ħafna drabi jkollhom bżonn lil xi ħadd ġewwa l-propjetà biex jintużaw u huma perikli potenzjali ta' nar. [12] It-tieni, **kameras** tas-CCTV huma ddissinjati b'mod predominanti biex iservu ta' deterrent viżibbli li jistgħu jżidu r-riskju li tinqabad imma ma jżommux id-dħul fiżikament. Apparti dan, ix-xiri u installazzjoni ta' CCTV, jinvolvu spiża kbira. U għalhekk hu rakkomandat li tinvesti f'WIDE li hi għażla orħos u iktar sigura.

L-effettività tal-implimentazjoni ta' WIDE ġiet ippruvata fi studji numerużi. L-aħjar żewġ prattiċi li jevitaw serq domestiku permezz ta' twebbis tal-miri joriġinaw min-Netherlands.

## L-AĦJAR PRATTIKA:
## REŻISTENZA GĦAS-SERQ INKORPORATA FID-DIGRIET TAL-BINI.

Wara li fl-1999 in-Netherlands introduċiet regolamenti ġodda tal-bini li bdew ikollhom bżonn twieqi u bibien siguri kontra l-ħallelin, il-frekwenza ta' serqiet fid-djar li kienu nbnew skont ir-regolamenti l-ġodda naqset bi kwart. Ġie kkalkulat li tal-inqas 10,000 serqa kienu evitati fid-deċennju minn mindu daħlu r-regolamenti ġodda tal-bini. **L-ebda indikazzjonijiet ta' effett ta' spostament**, sew lil djar '"qodma" jew forom oħra ta' serq ma ġew osservati. Bil-maqlub, xi studji jindikaw li jkun hemm xi spostament pożittiv. L-effetti ta' sigurtà huma, sa ċertu punt, ittrasferiti lil djar fil-viċinat li mhumiex assigurati. [13]

## L-AĦJAR PRATTIKA:
## MARKA TA' KWALITÀ TAL-PULIZIJA

Barra mir-regolamenti l-ġodda, in-Netherlands introduċiet ukoll il-Marka ta' Kwalità tal-Pulizija Olandiża (PQM) fl-1995. Hemm żewġ differenzi prinċipali bejn it-tnejn li huma. L-ewwelnett, il-PQM tmur iktar 'l hinn mir-regolamenti tal-bini. Waqt li dawn tal-aħħar jiffukaw biss fuq lukketti u ganċijiet, il-PQM tinkludi rekwiżiti addizzjonali rigward id-dawl, id-dehra, is-sigurtà tat-twieqi, bibien u tamboċċi. It-tieni, id-Digriet tal-Bini hu obbligatorju waqt li l-applikazzjoni tal-PQM hi volontarja u tiddependi mir-rieda tajba ta' sid id-dar jew tal-iżviluppaturi tal-proġett.

Il-marka ta' kwalità tista' tkun ukoll applikata lil djar eżistenti, bini ġdid u spazji miftuħa. Iċ-Ċentru Olandiż għall-Prevenzjoni u Sigurtà ta' Kriminalità żviluppa manwal għal kull sitwazzjoni.[14]

Ir-riċerka wriet li djar bi PQM huma inqas fil-mira ta' ħallelin u li l-possibiltajiet li tispiċċa vittma (serq li jkun irnexxa) ġo dar PQM huma 78% inqas minn f'dar li mhix ċertifikata. Jekk ir-rekwiżiti huma mplimentati fil-fażi tal-kostruzzjoni, it-tnaqqis ikun anki ikbar.[15]



## 2.2 Għassa tal-Inħawi

L-idea wara l-għassa tal-inħawi hi biex titnaqqas il-kriminalità billi r-residenti jorganizzaw ruħhom u jżommu għajnejhom u widnejhom miftuħa. Jekk jaraw jew jisimgħu xi ħaġa suspettuża, għandhom isejħu lil pulizija. Ir-residenti jistgħu jgħinu lil xulxin, pereżempju billi jbattlu l-kaxxa tal-ittri jew jaħsdu l-lawn tal-ġirien meta dawn jkunu vaganza. Din is-sorveljanza li tkun żdiedet tiskoraġġixxi lil kriminali minħabba li jkollhom iktar riskju li jinqabdu. Meta toħloq sinjali ta' okkupanza, fattur ewlieni fid-deċiżjoni biex propjetà tkun fil-mira, tkun qed tagħmilha iktar diffiċli għal ħalliel biex jiddetermina jekk post hux vojt jew le. Barra minn hekk, skemi tal-għassa tal-inħawi jtejbu l-koeżjoni soċjali. Iċ-ċittadini jiżviluppaw sett ta' regoli għaż-żona u jorganizzaw lilhom infushom biex jillimitaw azzjonijiet devjanti bħal kriminalità.[16]

Ir-residenti stess, jew il-pulizija lokali, jistgħu jieħdu l-inizjattiva biex jistabbilixxu għassa tal-inħawi strutturata. Ir-rata tal-kriminalità fiż-żona lokali u jekk ir-rati ta' kriminalità fiż-żona huma baxxi, medji jew għolja jiddeterminaw l-involviment tal-pulizija biex jistabbilixxu skema bħal din. Żoni bi kriminalità baxxa jkollhom bżonn biss involviment passiv mill-pulizija waqt li jista' jkun li l-pulizija trid tkun il-mexxejja fl-implimentazzjoni ta' skemi ta' Għassa tal-Inħawi f'żoni ta' ħafna kriminalità.[17] L-iskema Għassa tal-Inħawi tista' tkun stabbilita bħala skema waħedha jew bħala parti minn programm iktar komprensiv[18]

L-effetti tagħha tal-prevenzjoni tal-kriminalità kienet evalwata f'numru ta' studji; sfortunatament, l-biċċa l-kbira minn dawn saru fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit fejn programmi ta' prevenzjoni ta' kriminalità huma iktar suġġetti għal evalwazzjoni tal-impatt milli fl-Ewropa kontinentali. Meta-analiżi bl-statistika turi li l-introduzzjoni ta' dawn l-iskemi jkollha effetti ċari fit-tnaqqis ta' kriminalità. Żoni koperti mill-iskemi tal-għassa tal-inħawi esperjenzaw tnaqqis fil-kriminalità ta' bejn 16% u 26% meta mqabbel ma' żoni mhux koperti mill-iskemi. L-effett pożittiv fuq il-kriminalità hu indipendenti mill-qies u t-tip ta' programm ta' sorveljanza. [19] Madanakollu, l-evidenza hi relatata b'mod predominanti mal-perjodu qabel il-media soċjali u allura mportanti li tkun konxju li l-metodu u l-impatt jistgħu jkunu affettwati mill-kanali tal-komunikazzjoni mtejba.[20]

## 2.3 Kif nieħdu ħsieb tal-vittimizzazzjoni ripetuta

Id-data turi li djar li jkunu nsterqu minnhom qabel għandhom riskju iktar għoli li jkunu misruqa mill-ġdid[21] jew fi kliem ieħor, li t-tieni inċident huwa iktar probabbli mill-ewwel u li t-tielet hu iktar probabbli mit-tieni. [22] Dan il-fenomenu fejn dar tkun misruqa bosta drabi jsejħulu vittimizzazzjoni ripetuta jew **repetizzjonijiet eżatti**.[23] Madanakollu, r-riskju għoli mhux biss jaffettwa l-istess indirizz imma wkoll postijiet fil-viċinat fejn is-serq hu magħruf bħala **kważi repetizzjonijiet**. L-iktar viċin bħala ħin u spazju li post hu ma' dar li tkun insterqet, ikbar ikun ir-riskju li hu wkoll isofri xi serqa. Hekk kif il-ħin u l-ispazju jiżdiedu, ir-riskju għoli ta' postijiet fil-viċinat jonqos.[24]

Hemm żewġ spjegazzjonijiet maġġuri: l-ipoteżi tat-titjib u tal-bandiera. it-tnejn huma bbażati fuq it-teorija tal-attività tar-rutina li tgħid li kriminalità għandha tkun spjegata f'termini tal-kumbinazzjoni tal-persuna li twettaq ir-reat, mira addattata u nuqqas ta' kustodja L-ewwel ipoteżi tgħid li persuni li jwettqu r-reat jmorru lura lejn l-istess inħawi għax ikun tgħallmu dwar opportunitajiet li huma preżenti ġot-tali żona waqt serqa ta' qabel. Persuna li wettqet ir-reat li tkun tgħallmet dwar l-opportunitajiet jew vulnerabbilitajiet tagħmel deċiżjoni razzjonali li tmur lura fiż-żona biex tiġġenera iktar profitt. It-tieni opinjoni, l-ipoteżi tal-bandiera tgħid li persuni li jwettqu reati jmorru lura fl-istess-żona għax din għandha dgħufijiet inerenti li jservu bħala stedina għal persuni li jwettqu reati. Hu iktar probabbli li t-tnejn jikkontribwixxu għal okkorrenza ta' kważi repetizzjonijiet għax persuni li jwettqu reati jieħdu vantaġġ mill-vulnerabbilitajiet eżistenti biex jwettqu kriminalità.[25]

Hu diffiċli tindika ħin u distanza komuni għal vittimizzazzjoni ripetuta għax meta qabbilna  għaxart ibliet minn ħames nazzjonijiet, kien hemm xi konsistenza bejn il-kuntesti, kif ukoll differenzi sostanzjali.[26] Minkejja dan, dawn is-sejbiet jistgħu jintużaw biex jiffurmaw inizjattivi biex jitnaqqas is-serq, l-ewwel billi jidentifikaw dawk il-propjetajiet li huma f'riskju ta' serq ripetut u t-tieni billi jaġixxu mill-ewwel u jimplimentaw xi waħda jew iktar mit-tattiċi li ġejjin[27]: fuq naħa waħda, forom differenti ta' rondi jew monitoraġġ jistgħu jiżdiedu u fuq in-naħa l-oħra, il-pulizija tista' tipprova tinvolvi sew lir-residenti taż-żona kif ukoll atturi ewlenin oħra. L-ewwelnett, informazzjoni rigward il-prekawzjonijiet tas-sigurtà bħal għeluq ta' twieqi u qfil ta' bibien meta tħalli d-dar[28] jew tiswija u rinfurzar tal-punti tad-dħul, titjib ta' serraturi u dwal[29] jistgħu jkunu enfasizzati meta r-riskju ta' serq x'aktarx ikun elevat.[30] Dan l-approċċ għandu potenzjal kbir għax il-familji iktar jkunu jistgħu u jkunu jridu jipproteġu lilhom infushom iktar effettivament wara l-ewwel serqa; ħamsa u għoxrin fil-mija tal-familji kellhom tal-inqas tagħmir wieħed tas-sigurtà installat wara xi serqa.[31] It-tieni, il-pulizija tista' tinforma lir-residenti biex iżommu għajnejhom miftuħa, jimplimentaw għassa tal-inħawi u jistaqsu lil ġirien biex jenfasizzaw ħsieb xulxin.[32] Intervenzjonijiet għal vittmi ripetuti u dawk fil-qrib urew tnaqqis sinifikanti f'vittimizzazzjoni ripetuti tas-serq[33] mingħajr spostament ta' riskji ta' serq lil inħawi tal-viċin.[34] Madankollu, is-suċċess jiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta u appoġġ mill-pulizija u parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-vittmi.[35]

**L-AĦJAR PRATTIKA:**

**GĦAJNUNA PROFESSJONALI TA' PARIR B'XEJN U FTEHIM BI SKONT**

Il-pulizija joffru b'xejn għajnuna professjonali ta' parir u ftehim bi skont ma' kumpaniji tal-assikurazzjoni jew banek (self) biex jappoġġjaw sforzi ta' twebbis tal-miri kif tistgħu taraw fil-Ġermanja bħala eżempju tajjeb.  Speċjalment peress li jagħtu wkoll opportunità lil gruppi vulnerabbli (status ta' soċjo--ekonomiku baxx) biex jinvestu fis-sigurtà.[36]

## 2.4 Xatba għall-isqaq

Ir-raba' miżura li għaliha hemm evidenza qawwija hi l-użu ta' xatba għall-isqaq. Xatba għall-isqaq tirreferi għall-istallazzjoni ta' xatbiet li jissakkru, x'aktarx tal-azzar jew ħadid u li jirrestrinġu d-dħul għall-isqaq jew network ta' sqaqien. L-ewwelnett, din il-miżura ta' prevenzjoni tas-serq taħdem għax iżżid l-isforz li ħallelin jkollhom jieħdu billi tirrestrinġi aċċess għall-isqaq għall-utenti leġittimi li jkollhom ċavetta jew kodiċi tal-pass u tikkontrolla l-aċċess lil miri potenzjali tal-kriminalità.[37] It-tieni, ix-xatbiet tal-isqaq iżidu r-riskju lil persuni li jwettqu reati billi jdawru spazju pubbliku fi spazju privat. Barra minn hekk, xatba għall-isqaq tista' żżid is-sorveljanza naturali mir-residenti għall-propjetajiet tal-inħawi u tneħħi skużi minn persuni li jwettqu reati li jkunu fiż-żona.[38]

Meta-analiżi tipprova li x-xatba tal-isqaq hi miżura effettiva għall-prevenzjoni tas-serq meta tqis kemm l-oġġett ta' prevenzjoni tas-serq ikun iqum għalkemm t-tip ta' effetti huma modesti. Barra minn hekk, diversi fatturi jillimitaw il-ġeneralizzabilità ta' dawn is-sejbiet bħal pereżempju l-fatt li l-istudji wżati fil-meta-analiżi kollha eżaminaw programmi tax-xatbiet tal-isqaq Ingliżi. Però, jekk prattikanti jew dawk li jfasslu l-politika jridu jħarsu lejn l-implimentazzjoni ta' xatbiet tal-isqaq, hemm numru ta' gwidi li jiddeskrivu liema kompiti prattiċi għandhom isiru sabiex joħolqu kundizzjonijiet fejn xatba tal-isqaq x'aktarx tkun effettiva. Konsultazzjoni ma' u bil-kunsens tar-residenti u impenn li jużaw ix-xatba huma ftit mill-kunsiderazzjonijiet prattiċi.[39]

## 2.5 Dawl fit-toroq

Żieda tal-livelli tal-illuminazzjoni fit-triq jew fi spazji oħra pubbliċi tista' tnaqqas b'mod sinifikanti sew il-kriminalità matul il-jum u kif ukoll billejl[40] u biża' ta' kriminalità.[41] Hemm żewġ teoriji prinċipali dwar għaliex dawl aħjar fit-triq jikkawża tnaqqis fil-kriminalità. L-ewwel waħda tissuġġerixxi li dawl aħjar fit-triq tnaqqas il-kriminalità billi żżid il-probabbiltà li persuni li jwettqu reati jkunu identifikati. It-tieni tissuġġerixxi li dawl aħjar fit-triq ġo żona jżid il-kburija tal-komunità u l-kontroll informali li jistgħu jżidu n-numru ta' persuni li jużaw iż-żona u allura jżid in-numru ta' xhieda potenzjali tal-imġiba kriminali. L-ewwel teorija tbassar tnaqqis fil-kriminalità speċjalment matul is-sigħat ta' dlam waqt li t-tieni teorija tbassar tnaqqis fil-kriminalità sew matul il-jum kif ukoll matul il-lejl.[42]

Bħal ma' kull miżura oħra tal-prevenzjoni tal-kriminalità, sabiex ikunu effettivi, l-istallazzjoni tad-dwal tat-toroq għandha jkollha mira[43] u uffiċjali tal-pulizija għandhom dejjem jistaqsu lilhom infushom jekk aħjar dawl ikunx rispons addattat għal kriminalità jew problema ta' diżordni f'inħawi jew komunità partikulari. Gwida orjentata lejn problemi hi disponibbli [mingħand Clarke] għal dawk li jifformulaw il-politika jew prattikanti li jridu jimplimentaw iktar dawl.[44]

# 03 EVIDENZA MODERATA

## 3.1 Persuni li jwettqu reat ripetuti fil-mira

Hu fatt dokumentat sew li minorità ta' kriminali attivi huma responsabbli għal proporzjon kbir ta' kriminalità. Politika ta' kontroll tal-kriminalità rrispondiet għal din il-konċentrazzjoni ta' reati kriminali b'varjetà ta' modi: żidiet fil-pieni fuq bażi ta' kundanni ta' qabel[45] jew l-istabbiliment tal-hekk imsejħin proġetti tal-persuni li jwettqu reati ripetuti b'attenzjoni speċjali għall-ħallelin l-iktar attivi bbażati fuq lista definita. Persuni li jwettqu reati li qegħdin fuq dik il-lista jafu li qed ikunu osservati u li jkunu arrestati u jinżammu hekk kif jikkommettu xi reat. Fl-istess ħin, dawn il-kriminali li ngħataw priorità huma f'kuntatt ma' sistema li tista' tgħinhom ikunu riabilitati[46] Dawn il-proġetti kienu żviluppati bħala eżempju mid-Distretti tal-Pulizija ta' Ohio (proġett kriminali importanti ħafna VIC)[47] u ta' Amsterdam (Approċċ Top600). F'proġett Approċċ Top600, iktar minn 40 mill-organizzazzjonijiet imsieħba mis-setturi tas-sigurtà, saħħa, żgħażagħ u probazzjoni jikkooperaw. Kull persuna fuq il-lista għandha il-manager tal-każ tiegħu/tagħha li jiffunzjona bħala punt ċentrali ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet involuti kollha, jiżviluppaw pjan ta' azzjoni personali u jipprovdu appoġġ lill-persuna involuta.[48]

Valutazzjoni reċenti tal-Approċċ Top600 uriet li dan l-approċċ iwassal għal tnaqqis ta' bejn 7% sa 45% fl-ammont ta' serq domestiku. Barra minn dan, għandu influwenza pożittiva fuq in-numri ta' riabilitazzjoni: mill mument li t-trajettorja tibda, il-mira tar-reċidività tal-grupp tonqos b'41%.[49] Jekk l-aspett preventiv ma jaħdimx, l-aħħar għażla tkun inkapaċità. Ovvjament, numru ta' studji juru li r-riżultat jista' jkun tnaqqis sinifikanti ta' serq f'żona fejn il-ħallelin l-iktar attivi jkunu qed jinżammu l-ħabs għal perjodu ta' żmien.[50]

## 3.2 Pubbliċità lokali

Meta tattiva inizzjattiva ta' tnaqqis ta' serq bħal Għassa tal-Inħawi, hu rrakkomandat li tinvesti f'pubbliċità lokali. Riċerka f'wieħed u għoxrin skema ta' tnaqqis ta' serq uriet li tħabbir (minn qabel) tal-eżistenza u l-oġġettivi tal-inizzjattiva lil komunità iktar wiesgħa hu metodu relattivament sempliċi u effettiv meta tqis kemm ikun intefaq ħalli ttejjeb l-impatt tal-miżura tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Il-mekkaniżmu li permezz tiegħu dan jista' jgħin jwassal għal tnaqqis fil-kriminalità hu permezz ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-attività ta' żieda tat-tnaqqis ta' kriminalità u b'hekk tinfluwenza l-perċezzjonijiet tal-persuni li jwettqu r-reati. L-analiżi wriet ukoll li inizjattivi li għamlu kampanja ta' pubbliċità qabel l-implimentazzjoni attwali rrappurtaw li r-rati ta' serq bdew jonqsu anki qabel ma kienet attivata l-inizzjattiva, effett magħruf bħala 'benefiċċju antiċipatorju'. Iktar

tnaqqis fin-numru ta' serqiet jistgħu jintlaħqu meta jkunu implimentati kampanji pubbliċitarji waħedhom (dawk li kienu magħmula għal xi żmien u li kienu dehru bħala intervenzjoni fihom infushom) b'baġit suffiċjenti. [51]

Bħalma jiġri dejjem, hu diffiċli tidentifika x'ser jaħdem l-aħjar f'sitwazzjonijiet speċifiċi. L-effett tagħha jiddependi ħafna mill-kuntest fejn tkun qed timplimenta l-kampanja tiegħek. Madanakollu, hemm xi mistoqsijiet li hemm bżonn tindirizza meta tippjana kampanja: Min huma l-miri? Persuni li jwettqu r-reati jew il-vittmi? Fejn huma l-miri? Inħawi definiti? Jew belt jew pajjiż sħiħ? Meta ser topera l-kampanja relattiva mal-implimentazzjoni? Kostantament jew f'waqtiet? Liema strument ser jintuża? Gazzetti, radju, media soċjali, ...? X'messaġġ trid twassal? Wieħed ġenerali jew wieħed speċifiku? Dawn il-mistoqsijiet kollha ser ikollhom bżonn risposta matul il-fażi tal-ippjanar.[52]

## 3.3 Immarkar tal-propjetà

Hemm sorsi li jissuġġerixxu li tmenin fil-mija tas-serqiet kollha jsiru bl-għan li wara jinbiegħu l-affarijiet misruqa jew fencing. Dan jimplika li mingħajr riċevituri, jkun hemm inqas ħallelin u allura għandha tingħata prijorità li jaraw xi jsir bl-affarijiet misruqa. [53] Hemm bosta miżuri (ara isfel) imma l-miżura prinċipali hi li timmarka propjetà ħalli tagħmilha iktar diffiċli biex ibiddlu affarijiet misruqa fi flus jew biex tagħmel l-użu dirett tagħhom iktar diffiċli. Barra minn hekk, din il-miżura tista' tassigura li affarijiet misruqa jkunu kkonfiskati u mogħtija lura lil sidhom proprja.[54]

Propjetà tista' tkun immarkata billi żżid in-numru tad-dar u l-kodiċi postali billi tuża pinen UV, tags tas-sigurtà, tagħmir t'identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID) jew soluzzjonijiet microdot (soluzzjonijiet li għandhom firma unikament kodifikata diġitali).[55] Barra dan, mobile phones u tablets ukoll għandhom għażliet inerenti biex timblokka b'mod remot jekk jinsterqu, u jagħmlu dan it-tagħmir inqas ta' valur u li inqas jista' jinbiegħ. [56]

Studji mill-Awstralja tal-Punent u minn Londra wrew li mmarkar ta' propjetà hu l-iktar effettiv meta iktar minn 80% tar-residenti lokali jimmarkaw il-propjetà tagħhom u jekk issir flimkien ma' parir u pubbliċità ta' prevenzjoni tal-kriminalità.[57]



# 04 JEW EVIDENZA LIMITATA JEW L-EBDA EVIDENZA

## 4.1 Allarmi

Allarmi kontra s-serq suppost jaħdmu prinċipalment għax ikunu deterrent peress li ħallelin jevitaw jidħlu ġo djar meta jindunaw li hemm allarmi installati u allura jkollhom iktar riskju li jindunaw bihom u jiġu arrestati. Però, valutazzjonijiet eżistenti mill-Ingilterra u minn Wales urew riżultati kontradittorji. Bil-maqlub, l-istallazzjoni ta' allarmi kontra s-serq tista' tkun kontradittorja għax huma assoċjati ma' riskju iktar u mhux inqas riskju[58] ta' serq bi dħul kif ukoll attentat ta' serq.[59] Hemm bosta spjegazzjonijiet għal dan ir-riżultat sorprendenti. Spjegazzjoni possibbli hi li xi ħallelin huma kapaċi jsibu mezzi biex jaħarbu jew jegħlbu allarmi u jnaqqsu r-riskju li jiġu arrestati. [60] Il-kwalità ta' allarm hi fattur importanti f'dan il-każ. Intervisti ma' persuni kkundannati li wettqu reati ta' serq jikkonfermaw dawn is-sejbiet; b'eċċezzjoni ta' marka waħda ta' allarm kontra s-serq (ADT) fejn il-persuni li wettqu r-reati ma beżgħux mill-allarmi kontra dħul mhux awtorizzat.[61] Il-ħallelin jistgħu jindunaw ukoll li grazzi għall-ammont kbir ta' allarmi foloz, il-pulizija u l-kumpaniji tal-allarmi ma jirrispondux mal-ewwel billi jibagħtu xi ronda u b'hekk jagħtu ħin biżżejjed lil ħallelin biex jikkonkludu l-kompitu tagħhom u jaħarbu. Spjegazzjoni possibbli oħra hi li l-ħallelin jistgħu jinterpretaw il-preżenza ta' allarm bħala indikazzjoni li hemm affarijiet ta' valur fid-dar. Benefiċċji potenzjali jistgħu jegħlbu r-riskji żejda allura fil-kalkoli tagħhom.[62] Barra minn dan, il-livell ta' esperjenza tal-persuna li twettaq ir-reat tista' tinfluwenza kif din il-persuna tħares lejn allarm għax persuni li jwettqu reati li għandhom iktar esperjenza jarawh inqas ta' deterrent mill-kontropartijiet ta' inqas esperjenza. Argument ieħor kontra hu l-fatt li allarmi mhumiex effettivi meta tqis il-prezz: iqumu mhux ħażin u ma jnaqqsux ir-riskju ta' serq. Madanakollu, evidenza minn Franza turi li allarmi (waħedhom u flimkien ma' miżuri oħra ta' sigurtà) huma effettivi biex jipprevjenu s-serq minn djar imma waħedhom ma jipproteġux appartamenti. Minkejja dan, mingħajr għarfien addizzjonali fuq speċifikazzjonijiet u kuntesti li fihom allarmi jwettqu l-kompitu tagħhom, mhux rakkomandat li tagħti l-parir liċ-ċittadini biex jistallaw allarm kontra s-serq għax tista' ttihom sens falz ta' sigurtà.[63]




## 4.2 Kampanji biex ikun hemm għarfien

Prattikanti tal-prevenzjoni tal-kriminalità ta' spiss jagħżlu kampanji li jqajmu għarfien biex jinfurmaw lin-nies dwar kriminalità u b'hekk jittamaw li jinfluwenzawlhom l-imġiba. Kampanja fil-media (inklużа fil-media soċjali online) hi waħda mill-elementi tal-Ġurnata Speċjali mal-UE kollha għall-Iffukar fuq serq domestiku. Però, ir-riċerka turi li kampanji li jiffukaw biss fuq għarfien rari jaħdmu. Anzi bil-maqlub, jistgħu anki jżidu l-biża' ta' kriminalità minflok effettivament jnaqqsu (ir-riskju) ta' kriminalità jew dannu.[64] Barra minn hekk, għadna ma sibniex valutazzjonijiet tal-impatt jew tar-riżultati ta' kampanji li jqajmu kuxjenza li jiffukaw fuq is-serq domestiku.

Madanakollu, kampanji biex iqajmu kuxjenza imma b'mira, li għandhom approċċ olistiku, li jistgħu jkunu żviluppati bl-għajnuna ta' din il-karta, jistgħu jkunu ta' mertu. Speċjalment jekk dawn il-linji gwida li ġejjin ikunu segwiti. L-ewwelnett, il-messaġġ irid ikun relevanti, prattiku u speċifiku. Tgħidx 'Tagħtix ċans lil ħalliel' imma għid lin-nies eżatt x'jistgħu jagħmlu biex jipprevjenu serq (pereżempju, li jkollok tip partikulari ta' serratura fil-bieb). It-tieni, il-mezz: kampanja għandha tuża l-kanali tal-media li jippermettulha tilħaq l-udjenza fil-mira tagħha. Aġenzija tal-media tista' ssostni ħaddiema fil-prevenzjoni tal-kriminalità f'dan il-qasam. Kampanji għandhom ikunu ppjanati bir-reqqa f'termini ta' żmien u tul ta' ħin. Ripetizzjoni (b'waqfiet) hi preferibbli minn kampanji li jkunu twal. Fl-aħħarnett, kampanji dejjem għandhom ikunu parti minn approċċ iktar miftuħ u kkoordinat biex jilħaq l-oġġettiv. Sabiex jiżdied it-tnaqqis fil-kriminalità, l-ewwel għandhom jilħqu tal-inqas żewġ kundizzjonijiet li ġejjin. L-ewwel għandhom jikkonċentraw fuq l-aspetti emottivi u affettivi tal-bidla fl-imġiba barra minn trasferiment ta' għarfien u sensibilizzazzjoni. it-tieni, għandhom jakkumpanjaw u jappoġġjaw approċċi oħra ta' prevenzjoni ta' kriminalità (ġustizzja kriminali, prevenzjoni sitwazzjonali, ta' żvilupp u tal-komunità), b'mod li jtejbu u jinforzaw lil xulxin.[65]

## 4.3 Miżuri kontra fencing

Kif semmejna diġà, hemm sorsi li jissuġġerixxu li tmenin fil-mija tas-serq isiru bl-għan li wara ibiegħu l-oġġetti misruqa. Id-differenza bejn in-numru ta' serqiet irrekordjati u inċidenti rrekordjati ta' fencing jidhru li jindikaw li ħafna każijiet ta' fencing mhux qed jiġu rrappurtati lil pulizija. Minn riċerka fin-Netherlands, nistgħu nassumu li n-numru ta' fencing bil-moħbi hu għoli: tlieta fil-mija tal-Olandiżi li għandhom ħmistax il-sena u iktar - 'l fuq minn 422,000 persuna - jammettu li xi kultant kienu ħatja ta' fencing. Dawk li jwieġbu u esperti jiżvelaw erba' ċirkostanzi li jiffaċilitaw ix-xiri ta' oġġetti misruqa. L-ewwelnett, id-differenza fil-prezz. It-tieni, il-faċilità li tixtri oġġetti misruqa. It-tielet, ir-riskju relattivament baxx li tinqabad. U fl-aħħarnett, l-attenzjoni insuffiċjenti li tingħata lil fencing minn pulizija u awtoritajiet tal-ġustizzja.[66] Dawn is-sejbiet juru li għad hemm lok għal titjib meta tiġi għal tnaqqis tad-dħul minn serq. Aħna hawn identifikajna diversi atturi li jistgħu jkollhom rwol f'dan ir-rigward.

Biex nibdew, **l-awtoritajiet pubbliċi** jistgħu jwaqqfu bażijiet tad-data fejn **konsumaturi** jistgħu jirreġistraw l-oġġetti tagħhom preventivament, ħalli f'każ ta' serq, jiffaċilitaw ir-rappurtar u jżidu l-possibbiltà li jieħdu lura l-oġġetti misruqa. Pass ieħor hu l-iżvilupp tal-għodda bħal StopHeling fin-Netherlands, li tippermetti liċ-ċittadini u xerrejja tal-affarijiet użati biex jivverifikaw jekk oġġett kienx irreġistrat bħala mitluf jew misruq permezz ta' numru tas-serja (oġġetti uniċi biss jistgħu jkunu rreġistrati). Jekk dan hu l-każ, il-pulizija jistgħu jkunu notifikati biex jieħdu azzjoni. Il-bank tela' minn kważi 456,000 rikjesti fl-2014 għal tfittxija għal kważi 670,000 fl-2015, u fl-ewwel kwart tal-2016, kienet kważi iktar minn 283,000 (estrapolat għal 2016 kollha, dan jammonta għal kważi 850,000). F'dak is-sens, 'StopHeling' tidher tissodisfa bżonn fost il-pubbliku u xerrejja tal-affarijiet użati biex jivverifikaw l-affidabbiltà ta' oġġett li jkunu qed jikkonsidraw jixtru. [67]

Imbagħad, **awtoritajiet regolatorji** jistgħu jintroduċu miżuri biex jikkontrollaw in-negozju tal-affarijiet użati u ħwienet tal-affarijiet mirhuna. Fin-Norveġja, dawk li jridu joperaw legalment fin-negozju tal-affarijiet użati jridu japplikaw għand il-pulizija allura għal liċenzja. Il-pulizija tista' tirrifjuta li toħroġ liċenzja lil applikanti b'records kriminali jew li huma suspettati li jinnegozjaw f'oġġetti misruqa jew jieħdu lura liċenzja jekk ikollhom xi raġuni jissuspettaw l-użu ħażin tagħha.[68] Fin-Netherlands, xerrejja ta' affarijiet użati ilhom ikunu mitluba jirreġistraw l-affarijiet mixtrija mill-1880 (xi jkunu xtraw, minn fejn u mingħand min). Mill-2011, kien żviluppat varjant diġitali ta' dan ir-record li hu marbut mal-bażi tad-data StopHeling.[69]

Barra minn dan, il **-pulizija** jistgħu jfittxu attivament għal affarijiet misruqa billi perjodikament jivverifikaw swieq armati barra li huma magħrufa sew għal fatt li jinbiegħu affarijiet misruqa hemm. [70] Illum il-ġurnata, id-dinja diġitali għandha firxa u popolarità tajba u toffri persuni li jwettqu reati infrastruttura ġdida għan-negozju illegali. Jekk irridu nipprevenu li l-fencing jisparixxi miċ-ċentru tal-attenzjoni, il-pulizija għandhom jfittxu online b'mod proattiv ukoll.[71]

Fl-aħħarnett, **is-settur privat** jista' jikkontribwixxi wkoll. Fin-Norveġja, websites professjonali li jbiegħu affarijiet użati jistgħu jobbligaw lil bejjiegħa jirreġistraw b'tali mod li jfisser li ma jistgħux jibqgħu anonimi. Verifikazzjonijiet manwali jsiru wkoll fuq kull oġġett li jkun reklamat għal bejgħ fis-'suq' u tingħata attenzjoni speċjali lil reklami li jqajmu suspett. Hemm djalogu kontinwu mal-pulizija dwar oġġetti li huma potenzjalment misruqa u f'każijiet fejn ikun hemm dubbju, is-sjieda trid tkun dokumentata b'irċevuti.[72] U mhux biss imma jekk tirreġistra l-oġġetti, tkun tista' tgħaqqad oġġett ma' vittma, madankollu sfortunatament, ftit wisq ċittadini jżommu strettament mar-rakkommandazzjoni biex tirreġistra oġġetti u jsiru ħafna żbalji meta jdaħħlu n-numri tas-serje. Dan il-proċess għandu jkun awtomatizzat jew, tal-inqas, rakkomandat, kemm jista' jkun fejn possibbli, ġo sħubija pubblika-privata. Fl-aħħarnett, hemm bżonn inħarsu lejn żvilupp ta' mezz biex ċerti oġġetti li mhumiex uniċi, bħal ġojjellerija, isiru uniċi.[73]

Dawn il-miżuri kollha li jagħmlu serq domestiku inqas ta' qligħ billi jnaqqsu l-valur tas-suq ta' oġġetti misruqa huma, ovvjament, idea tajba. Sfortunatament, l-ebda effett ta' tnaqqis ta' serq ma kien dokumentat s'issa.[74] Minkejja dan, aħna nemmnu li hemm lok għal titjib u ninkoraġġixxu valutazzjoni fil-fond jekk Stati Membri jiddeċiedu jibdew xi waħda minn dawn il-miżuri li semmejna hawn fuq.

# 05 KONKLUŻJONI:

# X'INHU EFFETTIV BIEX NEVITAW IS-SERQ DOMESTIKU?

## Twebbis tal-miri

### X'inhi din?

Il-kumbinazzjoni ta' serraturi tat-twieqi, dwal interni, serraturi tal-bibien u dwal esterni

### Kif taħdem?

Twebbis tal-miri tagħmel il-mira inqas addattata billi żżid ir-riskju u/jew iżżid l-isforz involut.

## Għassa tal-Inħawi

### X'inhi din?

L-għassa tal-inħawi tħeġġeġ lir-residenti biex iżommu għajnejhom u widnejhom miftuħa u jċemplu lil pulizija jekk jaraw jew jisimgħu xi ħaġa suspettuża.

### Kif taħdem?

Meta jkun hemm għassa tal-inħawi, iż-żona ssir inqas addattata għax iżżid ir-riskju u tnaqqas l-opportunitajiet.

## Kif nieħdu ħsieb tal-vittimizzazzjoni ripetuta

### X'inhi din?

Propjetajiet li huma f'riskju ta' serq repetut għandhom ikunu identifikati ħalli tiżdied l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni bħal tisħiħ tal-miri jew rondi tal-pulizija.

### Kif taħdem?

L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri żżid l-isforz u r-riskju meħtieġ biex isseħħ serqa fi propjetajiet identifikati.

## Xatba għall-isqaq

### X'inhi din?

Xatba għall-isqaq żżomm lil persuni li jwettqu reati milli jkollhom aċċess għall-passaġġi.

### Kif taħdem?

Meta tinstalla xatba għall-isqaq tkun qed iżżid l-isforz għax ħallelin ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-propjetajiet fil-mira jew biex jużaw l-isqaq bħala rotta biex jaħarbu. Xatba tal-isqaq iżżid ukoll is-sorveljanza naturali mir-residenti u b'hekk jiżdied ir-riskju għall-ħallelin potenzjali.

## Dawl fit-toroq

### X'inhi din?

Titjib fid-dawl fit-triq iżid il-livelli ta' illuminazzjoni fit-triq.

### Kif taħdem?

Meta żżid il-livell ta' illuminazzjoni tkun qed iżżid ir-riskju li persuna li twettaq reat tkun tista' tkun identifikata minn xhieda potenzjali.

# NOTI TAT-TMIEM

1 Sorensen, D. 2003. “The Nature and Prevention of Residential Burglary: A Review of the International Literature with an Eye towards Prevention in Denmark.” Informazzjoni miġbura 19 ta' Lulju, 2004. www.jur.ku.dk/medarbejdere/davesorensen/Publikationer/Nature.pdf

2 A. Tseloni, R. Thompson, and N. Tilley (Eds.), *Reducing Burglary*, Cham: Springer, 2018.

3 T. Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Basingstoke: Palgrave Macmillan, 2016, Kapitlu 2.

4 C. Rogers, Alley-Gates and Domestic Burglary: Findings from a Longitudinal Study in Urban South Wales, *The Police Journal* 91:1 (2016), https://dx.doi.org/10.1177/0032258X16683696.

5 E. Taylor, Honour among Thieves? How Morality and Rationality Influence the Decision-Making Processes of Convicted Domestic Burglars, *Criminology & Criminal Justice* 14:4 (2013), https://dx.doi.org/10.1177/1748895813505232.

6 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

7 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

8 Rogers, Alley-Gates and Domestic Burglary: Findings from a Longitudinal Study in Urban South Wales.

9 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit, Ryton-on-Dunsmore: College of Policing, 2021, https://whatworks.college.police.uk/Research/Documents/Safer_Streets_toolkit.pdf.

10 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

11 A. Tseloni, R. Thompson, L. Grove et al., The Effectiveness of Burglary Security Devices, *Security Journal* 30 (2017), https://dx.doi.org/10.1057/sj.2014.30.

12 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

13 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

14 S. Schat, Iċ-Ċentru Olandiż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u s-Sigurtà: Laqgħa tal-esperti EUCPN, Marka ta' Kwalità Pkvw, 2021

15 O. Nauta, De Effectiviteit Van Het Politiekeurmerk Veilig Wonen, Amsterdam: DSP - groep, 2004.

16 T. Bennett, K. Holloway, and D. Farrington, The Effectiveness of Neighborhood Watch, *Campbell Systematic Reviews* 4:1 (2008), https://dx.doi.org/10.4073/csr.2008.18.

17 P.-O.H. Wikström and K. Treiber, Beyond Risk Factors: An Analytical Approach to Crime Prevention, in: B. Teasdale and M.S. Bradley (Eds.), *Preventing Crime and Violence*, Cham: Springer International Publishing, 2017.

18 Bennett et al., The Effectiveness of Neighborhood Watch.

19 Bennett et al., The Effectiveness of Neighborhood Watch.

20 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit.

21 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

22 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

23 L Hoppe and M. Gerell, Near-Repeat Burglary Patterns in Malmö: Stability and Change over Time, *European Journal of Criminology* 16:1 (2018), https://dx.doi.org/10.1177/1477370817751382.

24 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

25 Hoppe and Gerell, Near-Repeat Burglary Patterns in Malmö: Stability and Change over Time.

26 Ibid.

27 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

28 Hoppe and Gerell, Near-Repeat Burglary Patterns in Malmö: Stability and Change over Time.

29 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

30 Hoppe and Gerell, Near-Repeat Burglary Patterns in Malmö: Stability and Change over Time.

31 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

32 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

33 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit.

34 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

35 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

36 Hoppe and Gerell, Near-Repeat Burglary Patterns in Malmö: Stability and Change over Time.

37 A. Sidebottom, L. Tompson, A. Thornton et al., Gating Alleys to Reduce Crime: A Meta-Analysis and Realist Synthesis, *Justice Quarterly* 35:1 (2018), https://dx.doi.org/10.1080/07418825.2017.1293135.

38 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit.

39 Ibid.

40 B.C. Welsh and D.P. Farrington, Effects of Improved Street Lighting on Crime, *Campbell Systematic Reviews* 4:1 (2008), https://dx.doi.org/10.4073/csr.2008.13.

41 R.V. Clarke, Improving Street Lighting to Reduce Crime in Residential Areas, United States of America: Office of Community Oriented Policing Services, U.S. Department of Justice., 2008.

42 Welsh and Farrington, Effects of Improved Street Lighting on Crime.

43 Tseloni

44 Clarke, Improving Street Lighting to Reduce Crime in Residential Areas.

45 A.A. Braga and D.L. Weisburd, The Effects of “Pulling Levers” Focused Deterrence Strategies on Crime, *Campbell Systematic Reviews* 8:1 (2012), https://dx.doi.org/10.4073/csr.2012.6.

46 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

47 Ibid.

48 Actiecentrum Veiligheid en Zorg, Effectmonitor Top 600: Resultaten En Effecten Van De Aanpak Top600 2018, 2018.

49 Ibid.

50 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

51 K. Bowers and S. Johnson, The Role of Publicity in Crime Prevention: Findings from the Reducing Burglary Initiative, *Bowers, K. J. and Johnson, S. D. (2003) The role of publicity in crime prevention: findings from the Reducing Burglary Initiative. Home Office Research Study (272).* (2003).

52 K. Bowers and S. Johnson, Using Publicity for Preventive Purposes, in: N. Tilley (Ed.), *Handbook of Crime Prevention and Community Safety*, Cullompton, Devon: Willan, 2005.

53 H. Ferwerda, T. Ham, L. Scholten, and D. Jager, *Focus Op Heling. Een Onderzoek Naar Het Functioneren Van De Helingmarkt, Het Beleid Tegen En De Gevolgen Van Heling* 2016.

54 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

55 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit.

56 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

57 College of Policing, Safer Streets Fund - Crime Prevention Toolkit.

58 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

59 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

60 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

61 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

62 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

63 Tseloni et al., *Reducing Burglary*.

64 Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, Awareness-Raising Never Hurt Anyone, Did It?, Mythbuster, Brussels: EUCPN, 2020, https://eucpn.org/document/mythbuster-awareness-raising-never-hurts-does-it.

65 Ibid.

66 Ferwerda et al., *Focus Op Heling. Een Onderzoek Naar Het Functioneren Van De Helingmarkt, Het Beleid Tegen En De Gevolgen Van Heling*.

67 Ibid.

68 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

69 Ferwerda et al., *Focus Op Heling. Een Onderzoek Naar Het Functioneren Van De Helingmarkt, Het Beleid Tegen En De Gevolgen Van Heling*.

70 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

71 Ferwerda et al., *Focus Op Heling. Een Onderzoek Naar Het Functioneren Van De Helingmarkt, Het Beleid Tegen En De Gevolgen Van Heling*.

72 T. Bjørgo and Y. Carlsson, Early Intervention with Violent and Racist Youth Groups, NUPI Paper No. 677, Oslo: Norwegian Institute of International Affairs, 2005.

73 Ferwerda et al., *Focus Op Heling. Een Onderzoek Naar Het Functioneren Van De Helingmarkt, Het Beleid Tegen En De Gevolgen Van Heling*.

74 Bjørgo, *Preventing Crime: A Holistic Approach*, Kapitlu 2.

**Ċitazzjoni**

EUCPN (2021). X'inhu effettiv biex nevitaw is-serq domestiku? Brussell: EUCPN.

**Avviż legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni uffiċjali ta' xi Stat membru jew ta' xi aġenzija jew istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew tal-Komunitajiet Ewropej.

**Awturi/edituri**

Dorien Stevens, Uffiċjal tal-Politika u tal-Prattika, Segretarjat tal-EUCPN.

Parti mill-proġett 'Segretarjat EUCPN', Mejju 2021, Brussell

Bl-appoġġ finanzjarju tal-Programm dwar il-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità tal-Unjoni Ewropea.

Kummissjoni Ewropea - Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni

## CONTACT DETAILS


EUCPN Secretariat

Email: eucpn@ibz.eu

Website: www.eucpn.org

TWITTER.COM/EUCPN

FACEBOOK.COM/EUCPN

LINKEDIN.COM/COMPANY/EUCPN